# Il-Kurċifiss Mirakuluż u l-*Vero Ligneo* prezzjuż ta' Bormla



## Tagħrif mehud miż-Żjajjar Pastorali tal-Isqfijiet Astiria, Molina, Cocco Palmieri, Canaves u Gori Mancini

(L-Ewwel Parti)

**Dr. Simon Mercieca**

Matul dan l-istudju, nixtieq nagħti ħarsa lejn il-kurċifiss mirakuluż li jinsab ġewwa l-knisja ta' Bormla u r-relikwija tal-*Vero Ligneo*, kelma Latina li tfisser veru injam jew aħjar skaldi mill-għuda tas-salib li fuqu ġie msallab Ġesù Kristu u ser inkun qed nuża r-rendikonti taż-żjajjar pastorali tal-isqfijiet li f'dan il-perjodu kienu jinkitbu bil-Latin. Għalhekk ħassejt li l-aħjar mod kif nippreżentahom hu billi nagħmel traduzzjoni tagħhom u nippreżentahom lill-qarrej kif inkitbu ħalli b'hekk wieħed ikun jaf eżatt kif l-isqfijiet kienu jitkellmu fuq Bormla fiż-żjajjar pastorali tagħhom. It-traduzzjoni tat-test Latin għall-Malti qed tkun ppreżentata fil-kursiv jew italics.

Forsi illum id-devozzjoni lejn dan il-kurċifiss kważi mietet għal kollox. Mhux hekk kien fis-sekli passati meta nies minn Malta kollha, foqra u sinjuri, kapijiet ċivili u prelati kienu jiġu ġewwa din il-knisja ta' Bormla biex jagħtuH qima u jitolbu quddiem din l-immaġni li kienet salvata mill-belt ta' Kandja li kienet tinsab fil-gżira li wkoll kien jisimha Kandja, qabel ma din il-belt waqgħet f'idejn it-Torok fl-1669. Din il-gżira hija ukoll magħrufa bl-isem ta' Kreta.

Meta dan il-kunċifiss inġieb Bormla, tqiegħed ġewwa kappella li kienet teżisti fil-knisja l-antika. F'dan il-perjodu, il-knisja ta' Bormla kienet differenti milli hija llum. Kienet forma ta' salib Latin u ma kellhiex il-korsiji laterali. Kien hemm kappella waħda ġo din il-knisja li kienet dedikata lil Santu Rokku. Din il-kappella kienet bdiet tinbena fi żmien l-ewwel amministratur u kappillan tal-parroċċa, Dun Consalvu Burlo fl-1592 wara li l-gżira ta' Malta kienet inlaqtet mill-pesta.[1] Santu Rokku kien il-patrun protettur kontra l-pesta u n-nies ta' Bormla kienu għamlu wegħda miegħu minħabba dan il-flaġell, li jagħmlu din il-kappella u quddies u b'hekk bdiet id-devozzjoni lejn dan il-qaddis. Mal-knisja parrokkjali kien hemm ċimiterju u din il-kappella nbiet eżattament ġo dan iċ-ċimiterju, biss kellha d-daħla tagħha mill-knisja. Kienet tinsab eżattament fuq ix-xellug tal-altar maġġur, jew hekk kif kont tidħol fil-knisja fuq il-lemin, eżattament fejn illum hemm l-altar ta' San Dimitri.

Kellhom isiru numru ta' arranġamenti bejn il-kappillan u l-prokuraturi tal-knisja ħalli dan il-kurċifiss seta' jitqiegħed f'din il-kappella.[2] Probabbilment, għall-ewwel dan il-kurċifiss tqiegħed fuq l-altar ta' Santu Rokku, quddiem il-kwadru titulari. Biss ma damx ma sar ftehiem biex l-altar ta' Santu Rokku jitmexxa mal-ġenb, fuq in-naħa tal-lemin, tal-istess kappella, waqt li sar altar ġdid tal-ġebel u fuqu tqiegħed dan il-kurċifiss mirakuluż. Għaċ-ċerimonja u l-wasla ta' dan il-kurċifiss ġewwa Bormla, kienet saret funzjoni solenni ppreseduta mill-vikarju kapitulari, Dun Giovanni Antonio Cauchi. Din iċ-ċerimonja saret nhar is-sitta ta' Novembru 1669. Biss żgur li x-xogħol fuq l-altar ġdid għal dan il-kurċifiss kien lest sas-sena 1671. B'hekk din il-kappella bdiet tkun magħrufa bħala dik tal-Kurċifiss waqt li l-altar tagħha ġie mitqies bħala proprjetà tal-prokuraturi tal-knisja u baqa' hekk anki wara li dan l-altar tmexxa f'kappella mibnija apposta għalih, iġifieri dik tal-lum.


L-Isqof Luca Buenos

Miż-żjara pastorali li saret fl-1667, mill-isqof Luca Buenos (1666-68), nafu li Bormla kellha madwar 2294 persuna joqogħdu fiha. Il-familji kienu żgħar għaliex kien hawn madwar 1003 unità jew familja. Biss kienet soċjetà dinamika u l-isqof ma naqasx li jitkellem kemm kienet soċjetà ħawtiela. Hu kiteb li kellha numru ta' professjonisti u nies tas-sengħa fosthom merkanti, baħħara, suldati u anki artisti.[3] Infatti jkunu żewġ baħħara minn Bormla li jġibu dan il-kurċifiss lejn Malta u meta nġieb ġo Bormla tqiegħed fl-uniku kappella li kellha l-knisja l-antika, iġifieri dik ta' Santu Rokku.


L-Isqof Lorenzo Astiria

L-ewwel darba li jissemma' dan il-kurċifiss hu fiż-żjajjar pastorali tal-isqof Lorenzo Astiria (1670-79). L-isqof Astiria żar il-parroċċa ta' Bormla nhar il-25 ta' Ottubru 1671. Il-kappillan kien Dun Ġwann Maria Barbara.[4]

Il-wasla ta' dan il-kurċifiss ġewwa Bormla kienet waħda kontroversjali għaliex il-patrijiet Dumnikani tal-Portu Salvu tal-Belt rieduh għall-parroċċa tagħhom minħabba li qabel ma kien inġieb f'Malta, kien jinsab fil-Knisja ta' San Pietru, li ħuthom id-Dumnikani kellhom ġewwa Kandja. Kienet saret kawża bejn il-prokuraturi tal-knisja ta' Bormla u l-patrijiet ta' San Duminku tal-Belt. L-isqof għalhekk jagħmel referenza għal din il-kawża quddiem is-Sagra Rota ġewwa Ruma u kif kien il-vigarju kapitulari Giovanni Antonio Cauchi, b'mod arbitrarju qatagħha favur Bormla, għaliex waqt li kien għadu għaddej l-appell, ħareġ diġriet favur il-prokuraturi lajċi ta' Bormla. B'hekk

dan il-kurċifiss baqa' Bormla u minħabba din il-kważa hu kien sar magħruf bħala "s-Santissimu Kurċifiss tal-lajċi". Min-naħa tiegħu, Cauchi seta' jieħu din id-deċizzjoni għaliex il-gżejjer Maltin kienu mingħajr isqof, jew kif kien jingħad f'dan il-perjodu *sede vacante*. Għalhekk Cauchi kien ġie elett mill-monsijuri tal-Kattidral biex imexxi d-djoċesi sakemm ikun appuntat isqof gdid. Hu mexxa bejn 1668 u 1670, eżattament fil-perjodu li dan il-kurċifiss wasal f'Malta. Fuq kollox il-pożizzjoni tiegħu kompliet tissaħħaħ fid-djoċesi, għaliex l-isqof il-ġdid, Lorenzo Astiria, appuntah bħala il-vigarju ġenerali tiegħu.

Min-naħa tagħhom, il-kommunità ta' Bormla baqgħet ferm grata lejn dan il-vigarju kapitulari għal din id-deċizzjoni u baqgħet tgħożż id-data ta' meta ġie Bormla biex qiegħed dan il-kurċifiss ġewwa din il-kappella ta' Santu Rokku u għal ħafna żmien wara mewtu, kull meta il-Bormliżi kienu jsemmuh mal-isqof tal-ġurnata, kienu dejjem isemmgħuh b'rispett u qima, bit-titli u l-karigi kollha li kien okkupa fid-djoċesi tal-gżira.

Mingħand l-isqof Astiria nsiru nafu dettalji oħra interessanti dwar dan il-kurċifiss u d-devozzjoni li kienet teżisti lejh. L-isqof stess jgħid li l-altar kien għadu kemm twaqqaf, jiġifieri kien sar altar ġdid tal-ġebel. Biss l-aktar ħaġa importanti kienet li dan l-altar kien mgħammar b'kollox għas-sagrifiċċju tal-quddies. Kont titla' għalih permezz ta' tarġa tal-ġebel u fuqu kien hemm *suppedale* jew aħjar tip ta' mensola, jew xkaffa li jkun hemm fuq l-altar jew kif inhi magħrufa ġewwa Bormla bħala l-prima. Din kienet tal-injam.

Biss l-aktar ħaġa importanti li toħroġ minn din iż-żjara kienet id-devozzjoni lejn dan il-kurċifiss. L-isqof jirreferi għal meta dan il-kurċifiss kien għadu f'Kandja u jistqarr li d-devozzjoni lejh ġewwa Kandja kienet waħda antika ħafna li tmur lura aktar minn mitt sena. Dan ifisser u jikkonferma li dan kien ġa meqjus bħala wieħed sagru u mirakuluż qabel ma ġie f'Malta.

Mal-wasla ta' dan il-kurċifiss ġewwa Bormla, is-Sodalitá tal-Agonizzanti bdiet tassoċja ruħha miegħu. Din is-Sodalitá ma kienet xejn għajr konfraternità jew fratellanza reliġjuża u għalhekk kellha l-altar tagħha ġewwa l-knisja. Oriġinarjament hija kien organizzata fuq l-altar tal-Grazzja li kien jinsab fejn illum hemm in-niċċa tal-Kunċizzjoni. Anki f'din il-knisja l-qadima, dan l-altar kellu l-pożizzjoni tiegħu fuq il-lemin tal-altar maġġur. Din is-sodalitá kienet twaqqfet fi żmien il-kappillan Don Palmerino Cap. Skont informazzjoni mogħtija mill-isqof Fra Michele Giovanni Balaguer Camarasa (1635-63) meta żar din il-knisja ta' Bormla fis-27 ta' April 1659, is-Sodalità tal-Agonizzanti kienet ġiet approvata permezz ta' bolla appostolika li ġġib id-data 20 ta' Diċembru 1649. Wieħed mill-ewwel prokuraturi ta' din is-Sodalitá kien in-nutar Henrico Zirafa.[5] Dan kien anki ħalla xi flus lil din is-Sodalitá skont l-atti tan-nutar Natalis Parmisano u l-kuntratt kien sar f'Awwissu 1665. Il-

prokuratur ta' wara kien Domenico Laferla.[6] Probabbilment, kien fi żmien dan il-prokuratur meta l-kurċifiss ta' Kandja wasal Bormla u din imxiet fuq l-altar ġdid li kien twaqqaf ad unur ta' dan il-kurċifiss.

Biss, din ma kinetx l-unika konfraternità mwaqqfa ġewwa Bormla u li llum nistgħu ngħidu għandha konnessjonijiet mal-kult tal-Ġimgħa l-Kbira. L-ewwel konfraternità li titwaqqaf f'dan l-ispirtu ta' faqar u penitenza kienet dik tal-mejtin. Din il-fratellanza kienet marbuta mal-altar ta' Santa Katerina li dejjem kien fil-kappellun fuq ix-xellug tal-altar maġġur. F'dan iż-żmien kienet konfraternità b'saħħitha ħafna.

Skont ż-żjara pastorali li l-isqof Balaguer Camarasa għamel ġewwa Bormla nhar 12 ta' Mejju 1637, l-altar ta' Santa Katerina Vergni u Martri kien wieħed tal-ġebel. Kellu ikona jew pittura sabiħa li turi l-immaġni tal-qaddisa u fuq dan l-altar hemm marbuta il-Konfraternità tal-Mejtin u t-Talb u kellha madwar 200 fratell.[7] B'hekk kienet l-ikbar fratellanza tal-parroċċa f'dik il-ħabta. Din il-konfraternità kienet ġiet approvata mis-Santa Sede Appostolika nhar 8 ta' Ottubru 1618. Skont l-isqof Balaguer Camarasa dawn il-fratelli kienu jilbsu *konfratija tax-xoqqa bajda u muzzetta ta' kulur iswed fuqha bis-simbolu tal-mewt għaliex id-dmir tagħhom hu li jidfnu lill-mejtin*.[8] Probabbilment is-simbolu tal-mewt kien irrappreżentat permezz tar-ras ta' mewt. Huma kienu jagħmlu l-festa ta' Santa Katerina. Fuq kollox, din il-konfraternitá kienet tagħmel ħafna atti ta' karitá u opri ta' ħniena fosthom li tidfen il-foqra, b'mod partikolari dawk li ma kellhomx qabar jew flus biex iħallsu għall-funeral jew id-difna. Wieħed irid jiftakar li din kienet waħda mis-seba' opri tal-ħniena li kull kattoliku għandu l-obbligu li jagħmel. Kienet ukoll tagħmel quddies għar-ruħ il-mejtin u kellha fiha is-sezzjoni tal-*consorelle* jew fratelli nisa. Dan kien aspett innovattiv u kienet l-uniku fratellanza ġewwa Bormla f'dan il-perjodu li kellha b'mod statutorju u b'approvazzjoni appostolika s-sezzjoni tan-nisa. F'dik il-ħabta tal-viżta pastorali, il-prokuraturi ta' din il-konfraternità kienu Don Paulus Magro u Marianu Carletto.[9] Dun Paulus Magro kien il-viċi-kappillan ta' Bormla fi żmien il-kappillan Don Palmerino Cap.[10]


**L-Isqof Tommaso Gargallo**

Din il-konfraternità taf l-oriġni tagħha għal żmien l-isqof Tommaso Gargallo (1578-1614) u mbagħad fl-1618, fuq it-tħabrik tal-isqof Balthassare Cagliares (1615-33), ġiet approvata minn Ruma. Aktar tard din l-approvazzjoni tkun interpretata b'mod żbaljat bħala li ġiet magħquda ma' waħda mill-arċikonfraternitajiet ta' Ruma. Wieħed irid jgħid li l-isqof Cagliares kellu konnessjonijiet ma' Bormla. Hu kellu palazz f'din il-belt iżda dan kellu jitwaqqa' meta nbnew il-linji tas-swar. Fuq kollox,

dan l-isqof, li l-familja tiegħu kienet toqgħod f'Bormla, kien l-uniku Malti li jilħaq isqof tad-djocesi matul il-ħakma tal-kavallieri.

Biss tkun il-Sodalitá tal-Agonizzanti li tibda taħdem biex tkattar id-devozzjoni lejn dan is-salib. Immedjatament wara li l-kurċifiss ta' Kandja jasal f'Bormla, din ma tibqax marbuta mal-altar tal-Grazzja iżda tintrabat mal-altar li fuqu jitqiegħed dan il-kurċifiss u din l-kappella u altar, li qabel kienu magħrufa bħala ta' Santu Rokku, bdew issa jkunu magħrufa bħala tal-kurċifiss. Miż-żjara pastorali tal-isqof Astiria insiru nafu li din is-Sodalità tal-Agonizzanti bdiet tiċċelebra quddiesa fuq dan l-altar li fuqu ġie mqiegħed dan il-kurċifiss mirakoluż kull nhar ta' Ġimgħa, li matulha kienet tingħad il-kuronella. Kienet ukoll din is-Sodalitá li bdiet tieħu ħsieb tagħmel il-festa tas-Salib Mqaddes ġewwa Bormla li għall-ewwel kienet issir nhar l-4 ta' Mejju, il-festa tad-Dehra tas-Salib.[11]

L-Isqof Astiria jikteb hekk:

*Ukoll żar altar ieħor taħt it-titolu tas-Santissimu Kurċifiss tal-lajci miġjub mill-gżira ta' Kreta u jinsab fejn kien hemm l-altar ta' Santu Rokku u li fuqu hemm il-kurċifiss li dwaru għaddejja kawża bejn fuq naħa l-prokuraturi ta' din il-knisja u fuq in-naħa l-oħra r-reverendi patrijiet ta' Illustrissimu kunvent tal-Porto Salvo tal-belt Valletta u meta kien għadu għaddej l-appell fis-Sagra Rota Rumana, ir-Reverendu Viġrarju ħareg digriet favur l-imsemmija prokuraturi lajċi u għadu kemm twaqqaf altar ġdid tal-ġebel li fih dak kollu li hu meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u titla' għalih permezz ta' tarġa tal-ġebel, għandu xkaffa tal-injam u ma' dan il-kurċifiss hemm marbuta devozzjoni b'saħħitha u qadima li żgur tmur lura għal aktar minn mitt sena. Il-Konfraternità ta' Agonizzanti ġiet trasferita għal fuq dan l-altar u fuq dan l-altar tkun iċċelebrata quddiesa kantata kull nhar ta' Ġimgħa waqt li ssir il-festa tad-Dehra tas-Salib fil-4 ta' Mejju.*[12]

Imbagħad l-isqof Astiria jgħaddi biex jagħti tagħrif x'sar mill-altar ta' Santu Rokku, li hu suġġett għall-istudju ieħor li qed nagħmel.

*Żar ukoll altar ieħor taħt it-titlu ta' Santu Rokku. Dan hu wieħed ġdid, għadu kemm ġie mwaqqaf fl-imsemmija kappella tas-Santissimu Kurċifiss u fuq dan l-altar hemm ikona li turi fin-nofs tagħha lill-Vergni Imbierka Marja bil-bambin Ġesù f'dirgħajha u fuq il-lemin hemm l-imsemmi konfessur Santu Rokku u fuq ix-xellug lil San Gaetanu. L-altar hu tal-ġebel u fih dak kollu li hu meħtieg għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u fuq dan l-altar hemm imwaqqfa l-kongregazzjoni sekulari tal-irġiel biex torganizza eżerċizzi spiritwali u dan l-altar ġie mgħammar b'dak kollu li hu neċessarju għall-knisja parrokkjali skont ir-relazzjoni tar-Reverendu Kappillan u l-prokuraturi.*[13]

Iż-żjara pastorali li jmiss tkun dik ta' monsinjur isqof Michael Hieronumus Molina (1678-82). Din bdiet il-Ħadd 4 ta' Frar 1680 u tagħtina ħafna dettalji

importanti. Il-festa ta' dan l-altar ma tibqax dik tad-dehra tas-salib waqt li fuqu jibda issa jżomm relikwarju li fih ikun hemm ir-relikwija tas-Salib Imqaddes jew kif inhi magħrufa bħala l-*Vero Ligneo*. Din ir-relikwija flimkien mar-relikwarju jew il-kaxxa fejn jinżammu r-relikwiji kienu ġew mogħtija lill-knisja ta' Bormla mill-Inkwiżitur Ranuccio Pallavicino. Dan l-inkwiżitur beda jservi ġewwa pajjiżna ftit wara l-wasla ta' dan il-kurċifiss.



**Fra Michele Gerolamo Molina**

Rannuccio Pallavicino ġie deskritt minn Alessandru Bonnici bħala inkwiżitur ġeneruż li ġibed lil kulħadd lejh. Kien ġej minn familja nobbli minn Piacenza u kien patrizju Venezja. Hu ġie appuntat prelat u wara inkwiżitur u delegat appostoliku mill-papa Klement X u serva f'Malta bejn l-1672 u 1676. Fi kliem ieħor kien fil-gżira meta Malta intlaqtet minn flaġell ieħor tal-pesta, dak tas-sena 1676.[14] Pallavinico kien ta' lil Bormla kemm is-salib pettorali li f'dan il-perjodu qed ikun definit li kien tad-deheb kif wkoll dan relikwarju tal-fidda li huwa kellu flimkien mal-kaxxa tal-injam indurata bid-deheb li fiha kienu jinżammu dawn ir-relikwiji. Bħalma kienet d-drawwa f'dan il-perjodu, slaleb pettorali kien ikollhom fihom skaldi mis-Salib Mqaddes. Skont Carmelo Galea Scannura din id-donazzjoni ta' relikwi lill-knisja ta' Bormla kienet saret nhar il-5 ta' Frar 1675.

Din ir-relikwija tas-Salib Imqaddes kienet tqiegħdet f'dan l-ispeċi ta' relikwarju tal-injam jinqafel li fih kien hemm biċċa mill-Art l-Imqaddsa u kienet imċappsa bid-demm ta' Kristu u biċċa mill-liżar ta' Kristu, partikola konnessa mal-Verġni Mbierka u fraka mill-korp ta' San Pawl Apostlu u San Remiġju Isqof. Biss minn dawn ir-relikwiji kollha mogħtija mill-Inkwiżitur, dik tal-*Vero Ligneo* biss kellha l-attestat li turi li verament kienet mis-salib li għal mijiet ta' snin il-Kristjani qiesu li kien ta' Kristu u li kien dak misjub minn Santa Liena. Fil-każ tar-relikwi oħra, l-Inkwiżitur Pallavicino kien biss awtentikom u reġistrahom fl-atti tal-Kanċillerja tal-Inkwiżizzjoni.

Fuq kollox, il-wasla ta' dan is-salib twassal biex Kongregazzjoni Maskili li kienet għaqda reliġjuża marbuta mal-altar ta' Santu Rokku tibda tiġi assoċċjata ma' dan l-altar tal-kurċifiss.

L-isqof Molina jgħidilna hekk:

*Żar altar ieħor li jinsab f'kappella għalih, fuq il-lemin, hekk kif tidħol il-knisja u li hu ddedikat lill-kurċifiss u li hu tal-ġebel u fih dak kollu li hu meħtieg għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u titla' għalih permezz ta' tarġa tal-ġebel u għandu xkaffa tal-injam li fuqha hemm kaxxa tal-injam indurata li fil-parti ta' fuq tagħha hemm tieqa żgħira bi grada tal-ħadid indurata bid-deheb u fiha*

*serratura li tingħalaq b'ċavetta u fiha jinżamm r-relikwarju tal-fidda li fih salib zgħir tad-deheb mogħti mill-Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur Rainuccio Pallavicino* (sic)*, meta hu kien inkwiżitur tal-gżira u delegat appostoliku u li ġo fih hemm magħluqa skaldi mis-Salib Imqaddes u biċċa mill-art imċappsa bid-demm Imqaddes tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu Redentur, partikola mill-liżar ta' Kristu li fih ġie mgezwer il-ġisem tas-Sinjur tagħna u partikola taħt il-patroċinju tal-Beata Virgni u partikola mill-ġisem ta' San Pawl Appostlu u xejn inqas minn tal-qaddis San Remiġju isqof u konfessur u dan l-istess salib* (iġifieri l-Vero Ligneo) *jista' jkun ippruvat li huma awtentiku mill-attestat mogħti mis-Sinjur u Illustrissimu u Reverendissimu Don Ranuccio.*

*Fuq l-imsemmi altar hemm kurċifiss kbir tal-injam u fuqu hemm il-korp tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu. Hemm venerazzjoni kbira lejn dan il-kurċifiss li kien inġieb mir-renju ta' Kreta fi-sena 1669.*

Imbagħad l-isqof jgħaddi biex jiddiskrivi l-prospettiva ta' dan il-kurċifiss.

*Hemm ma' dwaru skulturi tal-ġebel partijiet minnhom indurati u partijiet oħra miżbugħa b'kulur aħmar u jżejnu l-prospettiva ta' dan l-altar hemm erba' kolonni tal-ġebel* (tnejn fuq kull naħa) *u dawn huma mżejna bi skulturi u fuq nett tagħhom hemm pittura fuq it-tila li turi lil Kristu bil-kuruna tax-xewk u bil-qażba u mlibbes porpra ħamra u fil-ġnub tal-imsemmija kappella hemm mdendlin oġġetti tal-fidda u tad-deheb u pitturi fuq l-injam* (ex-voti) *mogħtija mill-piji fidili ad unur is-Santissimu Kurċifiss.*[15]

*U fuq dan l-altar hemm imwaqqfa sa mis-sena 1674, iġifieri fi żmien l-Isqof ta' qabel Astiria, il-konfraternità* (tal-Kurċifiss) *li għandha madwar sittin membru u li jilbsu konfratija tax-xoqqa ta' kulur iswed u jagħmlu ħafna opri tal-ħniena.*[16]

Permezz ta' din ir-referenza nistgħu nikkonfermaw mhux biss meta twaqqfet il-Konfraternità tal-Kurċifiss, iġifieri fl-1674, iżda wkoll l-ilbies li kellhom dawn il-fratelli, kien minn dejjem iddominat minn konfratija ta' kulur iswed. Fuq kollox din iż-żjara tagħtina dettall ieħor li jibqa' jiġi repetut fiż-żjajjar li ġejjin.

*Hemm ukoll imwaqqfa is-Sodalitá tal-Agonizzanti u l-membri tagħha jagħtu ħames grani kull xahar u wara l-mewt ta' kull membru, bħala att ta' ħniena jiġu ċċelebrati ħamsin quddiesa u minn ftit taż-żmien 'l hawn immexxija mill-ħniena, il-fratelli jishru ħafna u mqanqlin mil-ġid tar-ruħ, jinżamm il-bieba tat-tabernaklu tas-Santissimu Sagrament miftuħa għall-tliet siegħat waqt li l-qassisin jagħmlu t-talb.*

*Quddiem dan l-altar hemm imdendel lampier tal-fidda jinxtegħel bit-tazza taż-żejt li d-dawl tiegħu isaħħaħ d-devozzjoni tal-poplu.*

*U f'din il-kappella hemm imwaqqfa ukoll il-Kongregazzjoni tal-Irġiel li*

*titmexxa mill-patrijiet Ġizwiti u kull nhar ta' Ħadd jiltaqgħu u jagħmlu ħafna atti ta' karità.*

*U fuq dan l-altar ikunu ċċelebrati ta' kull sena żewg festi tas-Salib Imqaddes. L-ewwel waħda hija dik tat-3 ta' Mejju u l-oħra hija dik tal-14 ta' Settembru iġifieri l-festa tas-Sejba tas-Salib u dik tal-Eżaltazzjoni tas-Salib. Fil-festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes, il-prokuraturi tas-Socjetà tal-Agonizzanti jagħmlu quddiesa bil-kant tal-ewwel u t-tieni għasar, u bil-prietka waqt li l-festa tal-Eżaltazzjoni ssir mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali u fiha jsir l-ewwel u t-tieni għasar, quddiesa u fiż-żewg festi, issir il-purċissjoni li fiha jinħareg l-imsemmi relikwarju bil-parteċipazzjoni tal-qassisin kollha u wkoll tal-fratellanza tas-Santissimu Kurċifiss.*[17]

Għalhekk sakemm issir l-għaqda bejn is-Sodalità tal-Agonizzanti u l-Fratellanza tal-Kurċifiss, fuq dan l-altar kien hemm mwaqqfa tliet għaqdiet distinti u li baqgħu joperaw indipendentament għal numru ta' snin. L-ewwel għaqda li tmut tkun dik tal-Irġiel li l-iskop tagħha kien dak li tagħmel l-eżerċizzi spiritwali. Din l-għaqda ma kinetx tagħmel użu minn konfratiji. Oriġinarjament, din l-għaqda kienet ukoll Sodalità, magħrufa bħala dik tal-Vjatku u kienet marbuta mal-altar ta' Santu Rokku.[18] Anki s-Sodalità tal-Agonizzanti ma kellix konfratiji u qatt ma jissemma' li l-membri tagħha kienu jakkumpanjaw fil-purċissjonijiet tas-Salib Imqaddes. Min-naħa l-oħra, il-fratelli tal-Konfraternità tal-Mejtin kellhom il-konfratija magħmula mid-drapp tal-ixkejjer (jew aħjar tax-xoqqa) u muzzetta sewda u ras ta' mewt fuq il-muzzetta tagħhom għaliex kienu jakkumpanjaw fil-purċissjoni iżda ma jissemmewx li qed jieħdu sehem fil-festi tas-salib. Il-preżenża ta' din il-Konfraternità tal-Mejtin tispjega għala f'Bormla, il-Konfraternità tal-Kurċifiss tkun l-unika waħda f'Malta li taddotta konfratija totalment sewda biex b'hekk tkun distinta minn din il-Konfraternità tal-Mejtin li kellha konfratija bajda b'muzzetta sewda.



L-Isqof Davide Cocco Palmieri

Iż-żjara pastorali li tmiss ssir ġewwa Bormla kienet mill-isqof ta' wara Molina, Davide Cocco Palmieri (1684-1711). Dan żar Bormla għal aktar minn darba. Għamel l-ewwel żjara pastorali tiegħu fl-6 ta' Jannar 1686 fejn l-ewwel mar fil-kunvent tal-Karmelitani Skalzi ta' Bormla u minn hemm mar il-knisja parrokkjali.[19] Matul din iż-żjara nsiru nafu li l-kurċifiss kien jitgħatta b'purtiera.

*L-isqof żar l-altar tas-Santissimu Kurċifiss li jinsab fil-kappella ddedikata lilu fuq in-naħa tal-lemin. Dan l-altar hu tal-ġebel u għadu fuqu dak kollu li jeħtieġ għas-sagrifiċċu tal-quddiesa u jinsab f'post ċentrali u denjament*

*imżejjen. Fuq l-altar hemm urna tal-injam indurata bid-deheb u fuqha, fin-nofs, hemm tieqa żgħira, li għandha gradilja tal-ħadid indurata bis-serratura tagħha u fiha jinżammu r-relikwi mqaddsa li jinsabu miżmuma f'relikwarju tal-fidda miżmum tajjeb bħalma kien ġie deskritt fiż-żjara preċedenti tal-isqof. Fil-ħajt hemm imwaħħal salib kbir bl-immaġni tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu msallab fuqu miġjub minn baħħara Bormliżi mir-Renju ta' Kreta u mgħotti b'velu tal-ħarir ta' kulur aħmar. Ħafna nies mill-gżira kollha jiġu bi ħġarhom biex jinvistawh u jitolbu quddiemu. Quddiemu hemm lampier bit-tazza taż-żejt mixgħula l-ħin kollu mid-devozzjoni tal-poplu.*

*Fuq dan l-altar hemm imwaqqfa is-Sodalitá tal-Agonizzanti li l-membri tagħha jagħtu grana* (l-inqas valuta ta' flus) *kull xahar, minbarra l-ġbir, il-ħlas li jingħata biex wieħed isir membru u din l-istess Sodalità torganizza tliet sigħat ta' espożizzjoni għall-membri tagħha billi jinfetaħ il-bieb tat-tabernaklu u matul iż-żmien li tinżamm esposta s-Santissima Ewkaristija jinżammu sitt xemgħat mixgħula. U jiġu ċċelebrati erbgħin quddiesa għall-ruħ il-fratelli mejtin tagħha.*

*F'din l-istess kappella, taħt d-direzzjoni tal-patrijiet Ġiżwiti, jinġabru l-fidili kull nhar ta' Sibt u Ħadd filgħaxija, fejn isiru numru ta' eżerċizzji spiritwali u magħhom isir ukoll is-sawm u flimkien jgħidu t-talba tal-miserere.*

*Fuq dan l-altar jiġu ċelebrati żewġ festi fis-sena li huma dik tax-xahar ta' Mejju, bl-ewwel u tieni għasar, quddiesa kantata u omelija mħallsin mill-istess sodalità u ssir purċissjoni li fiha tinħareġ ir-relikwa tal-Vero Ligneo tas-Salib Imqaddes. Il-festa l-oħra ssir fix-xahar ta' Settembru bl-ewwel u it-tieni għasar, quddiesa kantata u purċissjoni mħallsa mill-prokuraturi tal-Knisja.*[20]

L-isqof Cocco Palmieri reġa' żar Bormla għat-tieni darba nhar 6 ta' Ġunju 1694. It-tagħrif li jagħti dwar dan l-altar tal-kurċifiss inbidel għaliex issa dan il-kurċifiss kien meħud għall-post li jinsab fih illum. In fatti, bla dubbju ta' xejn, tkun il-wassla ta' dan il-kurċifiss li twassal lill-Bormliżi biex iwaqqgħu l-knisja l-antika u jibnu din preżenti. L-ewwel opra li titlesta kienet il-kappella tiegħu. Biss kif ser naraw mid-diskrizzjoni tal-isqfijiet, fil-bidu din il-kappella ma kinetx imżejna kif inhi llum. Il-prospettiva tal-altar kellha statwi u skulturi oħra. Insiru nafu ukoll, li relikwa tas-salib imqaddes kienet saritilha ostensorju, jiġifieri kienet saritilha sieq tal-fidda u ġo fih kien twaħħal is-salib ta' Pallavicino bil-*Vero Ligneo* fih. Issa l-isqfijiet jibdew jgħidu li dan is-salib ta' Pallavicino kien wieħed tal-fidda. Wieħed jistaqsi jekk dan is-salib inbidilx meta sar dan l-ostensorju ġdid, għaliex oriġinarjament kien definit bħala wieħed tad-deheb jew inkella kien tal-fidda bbanjat bid-deheb u għalhekk kien qed ikun deskritt bħala wieħed tad-deheb. Raġuni oħra ghal din il-bidla fid-deskrizzjoni tas-salib, tista' tkun ġejja mill-fatt li dan l-ostensorju l-ġdid tal-fidda li fis-sieq tiegħu kien hemm l-arma tal-kardinal Pallavicino sar forma

ta' salib u dan is-salib tad-deheb tal-istess Pallavicino tqiegħed go fih.

*Żar l-altar taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss li jinsab fil-ċentru tal-kappella ġdida li kienet għada kemm ġiet mibnija fil-ġenb tal-knisja b'forma tonda u b'koppla fiċ-ċentru tagħha. L-altar tagħha hu tal-ġebel u lest minn kollox u għandu kollox għas-sagrifiċju tal-quddiesa. U mżejjen b'mod diċenti u fuq l-ixkaffa tal-injam indurata bid-deheb hemm kaxxa wkoll magħmula mill-injam indurat bid-deheb u għandha bieba tal-ħadid indurata bid-deheb u fiha jinżammu xejn anqas mir-relikwi mqaddsa u fosthom hemm waħda tas-Salib Imqaddes u mqegħda f'salib tal-fidda u l-ostensorju tagħha li hu wkoll tal-fidda u dan is-salib tal-vero ligneo li għandu ħġieġa tleqq ġie mogħti lil dan l-altar mill-Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur Rainnicio Palavicino* (sic) *li kien inkwiżitur ta' din il-gżira qabel ma kienet saret iż-żjara pastorali mill-Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur Isqof Molina u fuq dan l-istess altar hemm niċċa mżejna bl-anġli u qaddisin u mhux anqas imżejna b'kelmiet tal-virtitujiet teoloġiċi u statwi u fiha jinsab salib kbir bis-Santissimu Kurċifiss tal-belt ta' Kreta iżda wara li dan ir-renju ġie okkupat mit-Torok inġieb f'din il-gżira minn baħħara Bormliżi. Quddiem dan l-altar hemm imdendel lampier tal-fidda bit-tazza taż-żejt tixgħel kuljum.*



Il-Kurċifiss ta' Kandja

Imbagħad, l-isqof jgħaddi biex jitkellem dwar il-festi li jiġu ċċelebrati fuq dan l-altar li kienu dik tat-3 ta' Mejju magħrufa bħala "inventionis Sanctae Cruces", jiġifieri s-Sejba tas-Salib Imqaddes u dik tal-14 ta' Settembru. Il-kelma Latina "inventionis" tfisser sejba u tirreferi għall-istorja ta' meta Santa Liena kienet sabet il-salib ta' Kristu. Din il-festa kienet għadha titħallas mill-Sodalitá tal-Agonizzanti. Din il-festa kompliet issir bl-ewwel u t-tieni għasar, omelija u purċissjoni li fiha issa kienet qed tinħareġ ir-relikwija tal-*Vero Ligneo* li issa kienet qed tinħareġ waħidha u mingħajr ir-relikwarju bir-relikwi kollha kif kien isir qabel. F'Settembru kienet tkun ċelebrata l-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib u kienet issir bl-ewwel u t-tieni għasar, quddiesa kantata u din il-festa baqgħet tiġi mħallsa mill-parroċċa. Jingħad ukoll li

*Fuq dan l-altar kien hemm imwaqqfa l-konfraternità maskili taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss u l-fratelli tagħha kienu jilbsu konfratija magħmula mid-drapp tal-ixkejjer u muzzetta ta' kulur iswed u kienu jagħtu grana kull xahar u kienu jagħmlu ħamsin quddiesa għall-erwieħ tal-fratelli mejtin.*[21]

L-isqof Davide Cocco Palmieri jerġa' jmur għat-tielet żjara tiegħu ġewwa l-knisja ta' Bormla nhar is-7 Ġunju 1700. Il-żjara tibda wara nofsinhar u tkompli fil-jiem ta' wara. Il-bini tal-knisja kien miexi sew taħt il-kappillan Dun Gioacchino Fabri. Il-koppla kienet għadha ma nbietx iżda l-altar maġġur kien ġa tqiegħed f'postu. F'dan iż-żmien l-altar kien għadu tal-ġebel u fuqu kien hemm it-tabernaklu waqt li l-presbiterju kien imdawwar bil-balavostri tal-ġebel. Kellu lampier jixgħel quddiemu li l-isqof jagħmel dan il-kumment sabiħ dwaru "ante illud (jiġifieri l-altar maġġur) pendet lampas cum sublampadario argenteo incessanter lucens pro veneratione SSmi Sacramenti" jew *quddiemu hemm imdendel lampier tal-fidda li bid-dawl ma jaqta' xejn mit-tazza taż-żejt jistieden għall-venerazzjoni tas-Santissimu Sagrament*.[22]

U mbagħad jgħid hekk dwar dan l-altar tal-kurċifiss.

*Żar l-altar taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss li jinsab fuq ġewwa tal-prospettiva tal-kappella tiegħu fuq in-naħa tal-lemin tan-nava iż-żgħira tal-knisja. Hu tal-ġebel iżda għandu it-tiżjin kollu u fih dak li jeħtieġ għas-sagrifiċju tal-quddiesa u jinsab miżmum tajjeb. Fuq l-ixkaffa tiegħu hemm kaxxa tal-injam indurata bid-deheb u bħala protezzjoni għandha gradilja tal-ħadid li hija wkoll indurata bid-deheb u fiha jinsabu miżmuma r-relikwa tal-Vero Ligneo tas-Salib Imqaddes u magħha relikwi mqaddsa oħra u fuq dan ir-relikwarju hemm relikwa oħra żgur tal-Appostlu San Pawl u t-tribuna hija mżejna b'numru ta' statwi u skulturi fil-ġebel u fiha hemm is-salib kbir bis-Santissimu Kurċifiss li hu miżmum b'venerazzjoni mill-poplu kollu tal-gżira u quddiem dan l-altar hemm lampier tal-fidda mixgħul kuljum.*

*Illustrissimu u Reverendu Sinjur ordna li ssir prospettiva ġdida għal parti ta' wara ta' dan l-altar.*

*Il-festa ċelebrata tat-tlieta ta' Mejju, is-solennità tas-Sejba tas-Santissimu Kurċifiss issir bl-ewwel u t-tieni għasar u bil-quddiesa kantata, omelija, purċissjoni li fiha tinġarr l-imsemmija relikwa u l-ispejjeż jitħallsu mis-Sodalitá tal-Agonizzanti mwaqqaf fuq dan l-altar. Bl-istess solennità ssir il-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib fix-xahar ta' Settembru mħallsa mill-prokuraturi tal-knisja li taħthom taqa' l-kura tal-imsemmi altar.*

*Il-prokuraturi tal-imsemmija Sodalitá tal-Agonizzanti kienu l-qassis Dun Natale Farrugia u Giovanni Luca Pace.*

*Illustrissimu u Reverendu Sinjur ordna li jagħtu rendikont tal-amministrazzjoni tagħhom.*

*Fuq dan l-altar hemm imwaqqfa wkoll il-konfraternità tal-irġiel magħrufa taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss li l-membri tagħha jmexxu l-affarijiet tagħhom skont l-istatuti u jagħmlu xogħol ta' karità u jakkumpanjaw fil-purċissjoni lebsin il-konfratija bħalma jagħmlu fl-imsemmija sollenitajiet tas-Salib Imqaddes*.[23]

B'hekk grazzi għal dan il-kumment nafu li bejn l-1694 u l-1700, il-Fratellanza tal-Kurċifiss kienet għamlet sett ta' statwi ħalli tkun tista' tkun amministrata aħjar.

Cocco Palmieri jżur għall-aħħar darba Bormla nhar 25 ta' Mejju 1710. L-ordni li kien ta biex issir prospettiva ġdida, jiġifieri dik li hemm illum kienet għadha ma saritx iżda kien żdied in-numru ta' lampieri tal-fidda jixegħlu quddiemu waqt li nsiru nafu li sieq tar-relikwarju kellha l-arma ta' Pallavicino fiha waqt li kienet saret ħġieġa kbira għan-niċċa tal-Kurċifiss. Ikun f'dan ir-rendikont li nsiru nafu wkoll li Monsinjur Pallavicino kien leħaq issa kardinal u meta kien f'din il-kariga huwa jerġa' jiftakar f'Bormla. Infatti, Pallavicino laħaq Kardinal nhar is-17 ta' Mejju 1705. Cocco Palmieri jgħid dawn il-preċiżi kelmiet dwar dan l-altar u Monsinjur Pallavicino:

*Żar l-altar taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss imwaqqaf fuq ġewwa tal-kappella kbira mibnija għalih fuq il-lemin tal-Knisja. L-altar hu tal-ġebel u għandu dehra kompluta u fuqu hemm xkaffa u fuqha hemm impoġġija kaxxa tal-injam indurata bid-deheb u ngastata fiha gradilja tal-ħadid li hija wkoll indurata bid-deheb u fiha wieħed josserva r-relikwa tal-Vero Ligneo tas-Salib Imqaddes u magħha relikwi qaddisa* (waħda minnhom) *żgur ta' San Pawl. Dan ir-relikwarju hu tal-fidda u fis-sieq tiegħu hemm inċiża l-arma tal-Reverendu Kardinal Ranuccio Pallavini* (sic) *li darba kien inkwiżitur ta' Malta u kien ta dan ir-relikwarju bl-imsemmija relikwi qaddisa lil din il-knisja. Fit-tribuna, ħġieġa kbira tagħlaq salib kbir bis-Santissimu Kurċifiss u li lejh hemm venerazzjoni kbira u quddiem dan l-altar hemm tliet lampieri tal-fidda u bit-tazzi taż-żejt jixegħlu kuljum.*[24]

*Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur ordna li jitkabbar it-tiżjin tiegħu.*[25]

*Fuq dan l-altar kien hemm il-konfraternità tal-irġiel taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss u li membri tagħha għandhom l-istatuti u fost il-ħidma li jridu jagħmlu hemm xejn anqas minn dik li jagħmlu opri ta' karità*[26] *u li jikkumpanjaw, libsin il-konfratija fil-purċissjonijiet li jsiru fl-imsemmija festi tas-Salib Imqaddes.*[27]

F'dan il-perjodu l-knisja l-ġdida kienet għadha ma nbnietx għal kollox. Il-parti tal-xellug tagħha kienet għadha m'hix lesta u fiha kien għad hemm l-altari u navi tal-knisja l-qadima ta' qabel din preżenti, li dwarha qiegħed nagħmel studju separat. L-isqof jgħid hekk dwar din il-parti,

*Fuq in-naħa tax-xellug tan-nava prinċipali hemm ħames altari li huma l-ewwel dak ta' San Kristoferu, it-tieni tal-Assunta, it-tielet ta' San Ġwann Battista, ir-raba' ta' San Dimitri u l-ħames Santu Rokku.*

L-isqof kompla jgħid li fl-antik il-kappella li kien hemm kienet tas-Salib Imqaddes. B'hekk, il-kappella ta' Santu Rokku baqgħet assoċjata mal-kurċifiss, anki jekk sakemm spiċċat tinbena il-knisja preżenti, l-altar prinċipali ta' din

il-kappella reġa' sar dak ta' Santu Rokku wara li l-kurċifiss kien ittieħed fil-kappella l-ġdida tiegħu.

L-isqof ikompli jżid li *minħabba li l-knisja kienet qiegħda tinbena mill-ġdid, in-navi ż-żgħar laterali kienu tħattew u għalhekk il-festività ta' dawn il-ħames altari u kull onera li kien hemm marbuta magħhom u li ġew deskritti fil-visiti pastorali ta' qabel, u wara li din id-demolizzjoni kienet saret u skont kif sostna il-viċi kappillan, dawn l-obbligi marbuta ma' dawn l-altari kienu qegħdin jiġu mwettqa fuq l-altar maġġur*.[28]

Minħabba l-konnessjoni li l-isqof Cocco Palmieri kellu ma' Bormla, u għax matul l-episkopat tiegħu sar ħafna mill-bini tal-knisja l-ġdida, kien sar kwadru ta' dan l-isqof mill-pittur Giuseppe Arena, magħruf bħala *il Romano*. Dan il-kwadru għadu jeżisti u jinsab fis-sagristija. Fis-seklu dsatax, dan il-kwadru kien sarlu xi tibdil fih u nbidel f'dak ta' Piju IX. Minħabba l-valur storiku tiegħu, il-konnessjoni li għandu mal-bini tal-knisja l-ġdida, u l-valur pittoriku tiegħu, ikun xieraq li dan il-kwadru jerġa' jiġi restawrat għal kif tpitter oriġinarjament.


L-Isqof Jacobus Canaves

L-isqof il-ġdid Ġakbu Canaves (1713-21) laħaq hekk kif Cocco Palmieri spiċċa l-visita tiegħu. Għalhekk, fis-sena ta' wara, Bormla jerġa' jkollha żjara pastorali oħra. Canaves mar Bormla nhar 10 ta' Frar 1715. Flimkien mas-segwaċi tiegħu, niżel ix-xatt tal-belt, fejn qabdu d-dgħajsa minn Porta del Monte, jew ħdejn il-knisja ta' Liesse u qasmu għal Bormla bid-dgħajsa. F'dik is-sena kienet spiċċat il-gwerra msejħa tas-suċċessjoni Spanjola u l-Port il-Kbir kien mimli biċċiet tal-baħar tal-gwerra. Iż-żjara tgħidilna li tant kien hemm bastimenti tal-gwerra fil-port, speċjalment fid-daħla bejn l-Isla u l-Birgu, li d-dgħajsa tal-isqof waslet tard Bormla.

Issa Bormla kellha kappillan ġdid. Dan kien Dun Gużepp Fabro li laqa' lill-isqof flimkien mal-kleru numeruż fejn l-ewwel ħaduh fid-dar li kien ser joqgħod fiha matul il-viżta pastorali ġewwa Bormla[29].

Matul din il-viżta, ir-relikwi bdew jiġu eżaminati mill-isqof separatament u dan l-eżami kien isir fuq l-altar tal-kurċifiss. Għalhekk wara li kien spiċċa jagħmel il-viżta obbligatorja tat-tabernaklu u l-fonti tal-ilma imbierek, għadda biex jinvista lir-relikwi mqaddsa fejn inċensa r-relikwi tas-Salib Imqaddes u ta' San Dimitri li kienu jinżammu f'kaxxa fuq l-altar tas-Santissimu Kurċifiss. Hu sab li kienu miżmuma tajjeb.[30]

Fl-1715, il-knisja ta' Bormla kienet għadha bla kor li kien għadu qiegħed jinbena[31] waqt li prokuraturi tal-knisja kienu, il-kanoniku tal-kolleġġjata ta' Birkirkara, Dun Gio Batta Decandia, il-qassis Dun Alessandru Camilleri u

l-Kleriku Gio Batta Axiaq.[32] Mal-altar maġġur kien hemm issa marbuta s-soċjetà antika ġewwa Bormla mwaqqaf biex titlob għall-erwieħ jew kif kienet magħrufa aħjar bħala l-Fratellanza tal-Mejtin.

*Hemm fuqu* (l-altar maġġur) *is-soċjetà ta' fidili, miż-żewġ sessi taħt it-titlu tal-Mejtin li qabel kienet imwaqqfa fuq l-altar ta' Santa Katerina u minn żmien l-imsemmija żjajjar li jmorru lura għall-memorja ta' Fra Don Tommaso Gargallo, li kien isqof ta' Malta u li ġiet konfermata fis-sena 1617 mis-suċċessur tiegħu l-isqof Cagliares fi żmien il-kappillan Michaele Cap u wkoll Salvatore de Modica u l-patron Marini Carletto it-tnejn prokuraturi ta' din il-knisja u wara ġiet aggregata mal-arċikonfraternità tal-belt il-kbira ta' Ruma fis-7 ta' Ottubru 1618 u l-fratelli tagħha jikkontribuxxu grano wieħed kull xahar u l-prokuraturi ta' imsemmija soċjetà minn dawn il-flus jagħmlu il-quddies kuljum letti u quddiesa kantata bl-espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament u t-tberik tal-oqbra u dan ta' hawn fuq kien qed ikun applikat għaċ-ċelebrazzonijiet ta' quddies lett għall-ewrieħ tal-purgatorju.*[33]

Fuq kollox, mingħand dan l-isqof insiru nafu li l-inkwiżitur Pallavicino ftit qabel din il-viżta kien għaqqad il-Konfraternità tal-Kurċifiss mal-Arċikonfraternità ta' San Marcello ġewwa Ruma u b'hekk din il-konfraternità ta' Bormla bdiet issa tissejjaħ Arċikonfraternità. Infatti, tkun f'din iż-żjara ta' l-isqof Canaves li jissemma' għall-ewwel darba li l-Konfraternità tal-Kurċifiss kienet issa saret arċikonfraternità.

*Żar l-altar taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss imwaqqaf fuq il-parti ta' ġewwa tal-prospettiva u l-kappella kbira mibnija fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja, li hu tal-ġebel, imżejjen tajjeb u għandu kollox għas-sagrifiċju tal-quddiesa. Fuqu hemm xkaffa u fuqha hemm kaxxa tal-injam indurata bid-deheb bi gradilja ingastata fiha tal-ħadid li hija wkoll indurata bid-deheb u li fiha wieħed josserva r-relikwija tas-salib imqaddes u xejn anqas ir-relikwi mqaddsa oħra, waħda żgur ta' San Pawl Appostolu u fuq dan ir-relikwarju tal-fidda hemm inċiża fis-sieq tiegħu l-istemma tal-Eminentissimu u Reverendissimu Sinjur Kardinal Raniero Pallavicino, li kien inkwiżitur ta' Malta u li kien ta dan ir-relikwarju bir-relikwi li hemm fih bħala rigal lil din il-knisja.*

*Fit-tribuna hemm ħġieġa kbira tagħlaq salib kbir bis-Santissimu Kurċifiss li nġieb mir-Renju ta' Kreta u li darba kien jinsab fil-knisja tal-patrijiet tad-Dumnikani* (Ta' Kreta) *u mbagħad tqiegħed fis-6 ta' Novembru 1669 mill-mejjet Reverendu Sinjur S.T. u J.V.D. Dun Giovanni Antonio Cauchi, li f'dak iż-żmien kien arċipriet tal-knisja Kattidrali ta' Malta u vigarju kapitulari għaliex il-gżira kienet mingħajr isqof* (sede vacante) *u kien minħabba l-merti magħrufa tiegħu li ngħata d-dinjità ta' Dekan u imbagħad ġie magħżul bħal arċidjaknu tal-kattidral u bħala l-ogħla ġieħ, ġie magħżul bħala l-vigarju ġenerali ta' din id-djoċesi u baqa' iżomm din il-kariga sakemm intemmu jiemu.*

*L-istess immaġni tinżamm bl-ikbar għożża u venerazzjoni u għaliex hija mirakuluża, bħalma juru l-mirakli mpinġija fil-kwadri u mwaħħla f'din il-kappella, kull nhar ta' Ġimgħa jsiru komptemplazzjonijiet piji mir-Reverendu Kappillan bir-reċitazzjoni tal-kuronella tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u għalihom jattendu ħafna nies. Quddiem dan l-altar hemm imdendla tliet lampieri tal-fidda jixegħlu b'mod qawwi.*

*Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur ordna li waħda mit-turġien tal-altar titneħħa u jsiru tliet tarġiet tal-injam*

*Huwa wkoll ordna li l-prokuraturi tal-imsemmi altar jagħmlu l-kotba tal-amministrazzjoni tagħhom.*

*Isiru żewġ festi solenni fis-sena, it-tnejn, bl-ewwel u it-tieni għasar u bil-quddiesa kantata, omelija u purċissjoni li fiha tinħareġ l-imsemmija relikwa jiġifieri fil-ġurnata tat-3 ta' Mejju, festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes li titħallas mis-Sodalità tal-Agonizzanti mwaqqfa fuq dan l-altar u fil-ġurnata tal-14 ta' Settembru dedikata lill-Esaltazzjoni tas-Salib Imqaddes u mħallsa mill-prokuraturi tal-knisja li huma responsabbli għall-imsemmi altar.*

*Fuq dan l-altar hemm imwaqqaf minn żmien il-bona memorja ta' Fra Don Lorenzo de Asteria, li kien isqof ta' Malta, il-konfraternità tal-irġiel taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss li twaqqfet wara l-ġurnata tat-30 ta' April 1673. Hija ġiet aggregata mal-arċikonfraternità ta' San Marcello tal-belt il-kbira ta' Ruma grażżi għall-ħeġġa tal-Eminentissimu u Reverendu Inkwiżitur is-sinjur Kardinal Ranneris Pallavicini* (sic), *li kien inkwiżitur ta' Malta. Il-fratelli ta' din l-imsemmija konfraternità għandhom l-istatuti tagħhom u huwa parti mid-dmirijiet tagħhom li jagħmlu fost l-oħrajn, opri tal-ħniena u jieħdu sehem fl-imsemmija purċissjonijiet li jsiru fl-imsemmija festività tas-Salib Imqaddes libsin il-konfratija.*

*Illustrissimu u reverendissimu sinjur ordna lill-prokuraturi tal-konfraternità imsemmija biex jagħmlu l-kotba tal-amministrazzjoni tagħhom.*[34]

Il-knisja ta' Bormla saritilha żjara oħra nhar il-Ħadd 22 ta' Diċembru 1728 mill-isqof il-ġdid Fra Gaspare Gori Mancini (1722-27). Din iż-żjara terġa' tikkonferma l-importanza li l-knisja bdiet tagħti lir-relikwi u tara li dawn jinżammu b'mod diċenti. Għalhekk Gori Mancini reġa' għamel viżta lil dawn ir-relikwi fil-bidu taż-żjara wara li jkun żar lis-Santissimu Sagrament u l-fonti tal-magħmudija.

*Hu żar is-sagri relikwi u kif inhu d-dmiru inċensahom u hemm r-relikwa tal-Vero Ligneo li hija mingħajr dubju tas-Salib Imqaddes u tinsab ġewwa Salib tal-fidda, kif ukoll ir-relikwi ta' Sant Andrea u San Dimitri li jinsabu ġewwa żewġ teki tal-fidda u waħda*



**L-Isqof Gaspar Gori Mancini**

*minnhom tinżamm mal-imsemmi salib f'kaxxa mibnija apposta f'nofs l-ixkaffa tal-injam fuq l-altar tas-Santissimu Kurċifiss li tingħalaq biċ-ċavetta permezz ta' serratura u ċ-ċavetta tinżamm kustodita mir-Reverendu Kappilllan.*

L-illustrissimu u Reverendu Sinjur ordna li l-imsemmija kaxxa jsirilha gwarniċ tal-ħadid indurat bid-deheb minħabba xi azzjoni ostili.[35]

Matul din iż-żjara, l-isqof Gori Mancini jibqa' b'mod partikolari impressjonat, bħall-isqof ta' qablu bil-ħġieġa kbira li kienet saret fil-bidu tas-seklu tmintax biex tagħlaq dan il-kurċifiss li qabel din il-ħġieġa kien qed jingħalaq b'purtiera. Din kienet xi ħaġa rari f'dan il-perjodu u l-ħġieġ kien jiswa ħafna flus għaliex kien jinġieb minn barra bil-baħar. Dan jispjega għala f'dan il-perjodu ħġieġa kienet tissejjaħ kristall u kienet oġġett prezzjuz.

*Żar l-altar taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss imwaqqaf fuq il-parti ta' ġewwa u għandu l-prospettiva proprja tiegħu u mqiegħed fil-kappella kbira fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja. Hu tal-ġebel u għandu kollox u fih dak li hu meħtieġ għas-sagrifiċju tal-quddiesa u huwa mżejjen denjament. F'kaxxa li hemm fin-nofs tal-ixkaffa tal-injam u mqiegħda fuq l-imsemmi altar, wieħed josserva relikwa tal-Vero Ligneo tas-Salib Imqaddes u xejn anqas minn relikwi oħra qaddisa u li ġew deskritti fi żjajjar oħra u fit-tribuna hemm ħġieġa kbira tagħlaq kurċifiss kbir bil-korp tiegħu mgħolli 'l fuq. Dan il-kurċifiss għandu lejh venerazzjoni kbira u jiġbed lejh nies minn kull parti tal-gżira li kuljum jinġabru biex jagħtuh qima. Quddiemu hemm imdendla tliet lampieri tal-fidda mixgħula b'mod qawwi ħafna.*

*Illustrissimu u Reverendu Sinjur ordna li l-parti t'isfel tal-prospettiva ta' dan l-altar għandha tissebbaħ.*

*Tkun ċelebrata il-festa tal-ġurnata tat-3 ta' Mejju, is-Sejba tas-Salib Imqaddes bl-ewwel u t-tieni għasar, bil-quddiesa kantata, omelija u purċissjoni li fiha tinħareġ l-imsemmija relikwa a spejjeż tas-Sodalità tal-Agonizzanti mwaqqfa fuq dan l-altar kif ingħad fl-aħħar żjara pastorali u li kulħadd jiftakar tar-Reverendu Sinjur Isqof Canaves fl-1720.*

*Bl-istess mod solenni ssir il-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes fix-xahar ta' Settembru mill-prokuraturi tal-Knisja parrokkjali li taħthom taqa' l-amministrazzjoni tal-imsemmi altar.*

*Il-prokuraturi tas-Sodalitá tal-Agonizzanti huma l-qassis Dun Salvator Pace u n-nutar Petrus Paulus Saliba.*

*L-illustrissimu u Reverendu Sinjur ordna li huma jagħtu rendikont tal-amministrazzjoni tagħhom. Fuq dan l-istess altar hemm ukoll imwaqqfa l-konfraternità tal-irġiel taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss u l-fratelli huma mmexxija mir-regola proprja tagħhom u huma jimxu skont l-istatuti tagħhom fejn fuq kollox jagħmlu opri ta' karità u jakkumpanjaw fil-purċissjonijiet li jsiru fl-imsemmija fuq solennitajiet tas-Santissimu Kurċifiss libsin il-konfratija.*[36]

Fil-ħarga tas-sena d-dieħla nkomplu naraw kif dan il-kurċifiss mirakuluż u l-*Vero Ligneo* jissemmew fiż-żjajjar pastorali tal-isqfijiet Alpheran de Bussan, Rull, Pellerano u Labini.


**Bibliografija**

Bonnici, Alexander, *Storja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta*, vol. ii, (Malta, 1992)

Galea Scannura, Carmel, *Aspects of Social Life in Malta as seen through the proceedings of Mgr. Rannuccio Pallavicino Inquisitor of Malta: 1672 - 1676* - M. A. (University of Malta) History (September 1978)


**Referenzi**

[1] A(rchivum) A(rcivescovile) M(elitense, Floriana), V(isitatio) P(astoralis), Vol, 8, f. 312r.
[2] AAM, V.P., Vol. 22, f. 634r.
[3] AAM, V.P., Vol. 20, f. 252r.
[4] AAM, V.P., Vol. 21, f. 126r.
[5] AAM, V.P., Vol. 17, f. 212.
[6] AAM, V.P., Vol. 20, f. 248.
[7] AAM, V.P., Vol. 14, f. 255r.
[8] AAM, V.P., Vol. 17, ff. 213r-v.
[9] AAM, V.P., Vol. 14. f. 255r
[10] AAM, V.P., Vol. 15, f. 87v.
[11] AAM, V.P., Vol. 21, ff. 124r-v.
[12] AAM, V.P., Vol. 21, f. 124r-v.
[13] AAM, V.P., Vol. 21, f. 124v.
[14] Alexander Bonnici, *Storja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta*, vol. ii, (Malta, 1992), pp. 133-165.
[15] AAM, V.P., Vol. 22, f. 633r.
[16] Ibid.
[17] AAM, V.P., Vol. 22, f. 633v.
[18] AAM, V.P., Vol. 15, f.96r.
[19] AAM,, V.P., Vol. 23, f. 81r.
[20] AAM, V.P., Vol. 23, f. 90v.
[21] AAM, V.P., Vol. 25, ff. 485r-v.
[22] AAM, V.P., Vol. 26, ff. 518r-v.
[23] AAM, V.P., Vol. 26, ff. 520v-521r.
[24] AAM, V.P., Vol. 28, f. 529r.
[25] Ibid
[26] AAM, V.P., Vol. 28, f. 529r.
[27] Ibid.
[28] AAM, V.P., Vol. 28, f. 532r.
[29] AAM, V.P., Vol. 29, f. 343.
[30] Ibid.
[31] AAM, V.P., Vol. 29, f. 359v.
[32] AAM, V.P., Vol. 29, ff. 345v-346r.
[33] AAM, V.P., Vol. 29, f. 347v.
[34] AAM, V.P., 29, ff. 350r-351r.
[35] AAM, V.P., 31, f. 116r.
[36] AAM, V.P., Vol. 31. f. 119r.